# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Gunju 2001

**Numru : 24**
**Citaz. numru : 839/01/RCP**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Planet Wilkommen Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta merkanzija gewwa l-istabbiliment taghha fir-Rinella Movie Park Complex;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal elf, seba' mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm1,794.00);

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-imsemmija somma ta' elf, seba' mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm1,794.00);

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi, dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' elf, seba' mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm1,794.00);

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghall-seba’ mija u erba’ u tmenin lira Maltin (Lm784);

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatament ghas-somma ta' seba' mija u erba' u tmenin lira Maltin (Lm784) u bl-imghaxijiet kif mitluba b'dan li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kif minnhom miftiehem b'nota tat-13 ta' Gunju 2001.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Gunju, 2001**